MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## PACE RAYMOND C.

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 515/1999/1

**Associated News (M) Limited**

**vs**

**Paul Fenech ezercenti l-Kummerc bl-isem ta' Classic Jewellers**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf tliet mija u hamsa u disghin lira Maltin (Lm1,395.00) liema somma tirrapprezenta *designs/artwork* u spejjez inkorsi ghan-nom tal-konvenut fuq talba tieghu stess, kif jidher mill-*istatement* tas-socjeta' attrici, hawn anness bhala Dok "A";

Illi dan id-dejn huwa cert, likwidu u dovut u ghalkemm interpellat, anke ufficjalment, il-konvenut baqa' inadempjenti;

Illi fil-fehma tas-socjeta' attrici l-konvenut m'ghandux eccezzjoni valida x'jaghti kontra din l-azzjoni;

U illi ghall-fininijiet tal-artikolu mija u sittin **(167)** *(corregge - mija u sebgha u sittin) et sequitur* tal**-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili** qieghed jigi hawn anness affidavit tar-rapprezentant legali tas-socjeta' attrici u mmarkat bhala Dok. "B";

Illi l-istess socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tghaddi ghas-sentenza bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur tal-**artikolu 167 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili**; u

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma minnu dovuta ta' elf tliet mija u hamsa u disghin lira Maltin (Lm1,395.00) rapprezentanti ta' *designs/artwork* u spejjez inkorsi ghan-nom tal-konvenut fuq talba tieghu stess.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra bonarja tal-1 ta' Mejju 1998 u tal-ittra ufficjali tad-29 ta' Settembru 1998 u tal-mandat ta' sekwestru tal-___ ta' Frar 1999 bl-imghaxijiet legali mid-data tal-konsenja sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 4 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 5 sa 7 tal-process;

Rat il-verbal tat-22 ta' Marzu 1999 fejn wara li Dr. Veronica Naudi ddikjarat li l-konvenut ghandu eccezzjoni valida x'jaghti peress li l-ammont mitlub mhuwiex dovut, il-Qorti laqghet it-talba u ordnat li l-kawza tiehu l-kors

taghha u tat lill-konvenut ghoxrin gurnata zmien ghall-prezentata tan-nota tal-eccezzjonijiet tieghu.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut tat-23 ta’ Marzu 1999 a fol. 13 fejn gie eccepit:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u ghandhom jigu respinti fl-interita` taghhom minn dina l-Onorabbli Qorti bl-ispejjez kollha kontra taghha, u dana ghas-segwenti ragunijiet u kif jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza u cjoe`:-

i) Billi l-fattura numru 033 datata 31 ta’ Jannar 1997 (Dokument “PF1” riferit fil-prospett esebit mis-socjeta’ attrici flimkien mac-citazzjoni odjerna taghhom jirreferi ghal-*“Consultancy Fee”* u mhux ghal *“designs/artwork u spejjez inkorsi ghan-nom tal-konvenut fuq talba tieghu stess”* skond il-premessi tal-istess citazzjoni;

ii) Billi kull xoghol ta’ *“designs* u *artwork”*, kif ukoll l-ispejjez kollha relatati mal-istess, illi gew esegwiti u/jew inkorsi mis-socjeta’ attrici fuq inkarigu tal-eccipjent kienu gew kollha debitament fatturati mill-istess socjeta’ attrici u mhallsa mill-eccipjent; u

iii) Billi l-eccipjent qatt ma nkariga lis-socjeta’ attrici sabiex tesegwixxi xi servizzi ta’ *consultancy* a favur tieghu, u l-istess socjeta’ attrici fil-fatt qatt ma esegwixxiet tali servizzi a favur l-eccipjent.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 14 u16 tal-process.

Rat il-verbali tal-5 ta’ Novembru 1999 fejn il-kawza thalliet ghall-provi tas-socjeta’ attrici, sa fejn hu possibbli bil-procedura tal-affidavit, u tal-15 ta’ Marzu 2000 fejn Dr. Kris Borg ghas-socjeta’ attrici talab estensjoni ta’ zmien ghall-prezentata tal-ahhar affidavit tieghu – cjoe’ dak ta’ Godfrey Grima – biex b’hekk ikun ghalaq il-provi tieghu. Il-Qorti laqghet it-talba u ddiferiet il-kawza ghal dan l-iskop ghall-10 ta’ Mejju 2000.

Rat in-nota tas-socjeta' attrici datata 17 ta' Marzu 2000 fejn permezz taghha esebiet l-affidavit ta' Sharon Balsys.

Rat in-nota tal-konvenut tat-8 ta' Mejju 2000 fejn permezz taghha ddikjara li jixtieq jaghmel il-kontro-ezami lil Sharon Balsys.

Rat il-verbali tal-10 ta' Mejju 2000; u tal-11 ta' Ottubru 2000 fejn inghata digriet tal-affidavit ghall-attur b'terminu ta' tletin (30) gurnata, b'dan li fin-nuqqas li dawn jigu prezentati f'dan it-terminu, il-kawza tmur *sine die*.

Rat in-nota tas-socjeta' attrici datata 14 ta' Novembru 2000 li biha pprezentat ix-xhieda b'affidavit ta' Godfrey Grima – Direttur tal-istess socjeta'.

Rat in-nota tal-konvenut tat-23 ta' Novembru 2000 li biha rriserva d-dritt tal-kontro-ezami ta' Godfrey Grima.

Rat il-verbali tat-30 ta' Novembru 2000 fejn Dr. Kris Borg ghas-socjeta' attrici ddikjara li m'ghandux provi aktar. Inghata digriet tal-affidavits tal-konvenut b'terminu ta' erbghin (40) gurnata; tal-21 ta' Frar 2001; u tas-17 ta' Mejju 2001 fejn gew ipprezentati l-affidavits tal-konvenut li ddikjara li ghalaq ukoll il-provi tieghu.

Rat in-nota tal-konvenut Paul Fenech tas-17 ta' Mejju 2001 li biha esebixxa l-affidavit tieghu stess u iehor ta' Karl Micallef.

Rat il-verbali tal-21 ta' Gunju 2001; tal-21 ta' Novembru 2001; tas-7 ta' Marzu 2002 fejn peress li l-ebda wiehed mill-partijiet ma ressaq provi, u anke in vista li Dr. Kevin Dingli ghas-socjeta' konvenuta rrimetta ruhu ghall-provi, il-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-27 ta' Gunju 2002.

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici datat 12 ta' Marzu 2002 fejn talbet is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza sabiex isir il-kontro-ezami ta' Paul Fenech u Karl Micallef, liema talba giet milqugha mill-Qorti b'digriet tal-4 ta' Gunju 2002.

Rat il-verbal tas-27 ta' Gunju 2002 fejn peress li ma deher hadd ghas-socjeta' attrici, lanqas id-difensur taghha, il-Qorti ddikjarat il-provi kollha maghluqa u halliet il-kawza ghas-sentenza ghat-12 ta' Dicembru 2002, u tat-12 ta' Dicembru 2002 fejn peress li l-Qorti kellha bzonn aktar zmien ghall-prolazzjoni tas-sentenza ddiferiet il-kawza ghas-sentenza ghall-lum is-7 ta' Jannar 2003.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-azzjoni attrici hija talba tas-socjeta' attrici sabiex hija tithallas ghall *designs/artwork u spejjez inkorsi ghan-nom tal-konvenut fuq talba tieghu stess kif jidher mill-istatement tas-socjeta' attrici hawn anness bhala "Dok. 'A'".*

Illi ma hemm l-ebda dubju li fil-kamp civili huwa l-attur li jrid jipprova l-allegazzjonijiet minnu vantanti fil-konfront tal-konvenut u dan in vista tal-principju bazilari fil-kamp guridiku li min jallega jrid jipprova u dan gie kkonfermat f'diversi sentenzi nkluzi dawk ta' **"Stephen Busuttil Naudi vs Carmelo Pirotta et"** (P.A. (RCP) 28 ta' Frar 2002); **"Alfred Briffa vs Emmanuel Borg et"** (P.A. (RCP) 23 ta' Ottubru 2001) u **"Lawrence Pisani et vs Giovanna Dimech et"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002).

Illi mid-dokument "PF – 1" esebiet a fol. 16 tal-process jirrizulta invece li l-*invoice* numru 033 datata 31 ta' Jannar 1997 tirreferi ghall *consultancy fee* u fil-fatt fl-affidavit ta' Sharon Balsys datat 15 ta' Mejju 1998 a fol. 21 tal-process jirrizulta li l-ammont rikjest jirreferi ghall-allegata *retainer fee* ta' mitt lira Maltija (Lm100) mensilment li s-socjeta' attrici qed tippretendi li ghandha tiehu abbazi ta' ftehim mal-konvenut li jinkudi xoghol ta' *"writing of all ad copy, writing press releases, liaison with the foreign suppliers for press support material, competitive surveys, development of concepts for merchandising, general media liaison for placement of press stories, press*

*conference calls and on site attendance, distribution of press material and meeting time".*

Illi dan l-aspett tal-pendenza odjerna gie kkonfermat minn Godfrey Grima ghan-nom tas-socjeta' attrici fl-affidavit tieghu tal-10 ta' Novembru 2000 fejn dan sostna li dan il-pagament rikjest jirreferi ghar-*retainer fee* li skond huwa Sharon Balsys kellha tispjega lill-konvenut. Skond huwa dan is-servizz inghata kollu lill-konvenut.

Illi fl-istess waqt l-istess socjeta' attrici tammetti li l-istess konvenut dejjem hallas ghax-xoghol ta' reklami li saru minnha fuq inkarigu tieghu ghall-perjodu bejn tmien is-sena 1995 u l-bidu tas-sena 1997 u dan jinsab ukoll ppruvat mid-dokument "PF – 2" esebit a fol. 39 tal-process, liema hlasijiet *da parte* tal-konvenut jinkludu l-fatturi esebiti minn Dok. "PF –3" sa Dok. "PF – 26" minn fol. 40 sa fol. 62 tal-process.

Illi fil-fatt dwar dawn il-hlasijiet ma hemm l-ebda kontestazzjoni bejn il-partijiet *stante* li l-istess Sharon Balsys stess fl-affdivat taghha a fol. 21 tal-process tghid testwalment li:-

*"The invoices from Associated News / Image Workshop will show charges to Classic Jewellers* (il-konvenut) *were only for design/artwork, production costs (e.g., colour separations) and media advertising costs and never covered charges for any of the above – hence the need for the agreed to Monthly Retainer Fee of Lm100".*

Illi ghalhekk fl-opinjoni ta' din il-Qorti l-bazi tal-azzjoni attrici, kif jidher mill-premessi u t-talba attrici fuq ampjament riportata, hija dik ibbazata fuq valur ta' *"design/artwork u spejjez inkorsi"* in konnessjoni mal-istess, li jirrizulta li huma in verita' mhallsa mill-konvenut, kif jidher ppruvat mid-dokumenti kollha esebiti u wkoll mill-ammissjoni tar-rapprezentanti tas-socjeta' attrici li xehdu f'din il-kawza.

Illi dan huwa ghall kollox differenti mil-pretensjoni tal-istess socjeta' attrici li *invece* tirrizulta mix-xhieda tal-

istess adetti taghha, tant li mill-istess testimonjanza minnhom prodotta jirrizulta li l-ammont rikjest jirreferi ghall-hlas ta' pagament mensili presumibilment maqbula mal-konvenut bhala *retainer fee* bir-rata ta' Lm100 fix-xahar, imsejha wkoll *consultancy fee* mis-socjeta' attrici anke fil-fattura numru –033 minnhom esebita.

Illi ghalhekk jidher li l-azzjoni attrici fuq dan il-punt hija kompletament bla bazi *stante* li fic-citazzjoni attrici hija qed titlob ghall-hlas ghal xoghol li fil-fatt thallas mill-konvenut, mentri fix-xhieda taghha qed tirreferi ghall-hlas bhala *consultancy fee* jew *retainer fee* bir-rata ta' Lm100 fix-xahar, li qed tghid li hemm ftehim dwar il-hlas taghha mill-konvenut, u ghalhekk fl-opinjoni ta' din il-Qorti il-premessi attrici u t-talba attrici huma zbaljati.

Illi isegwi li dwar dak premess fic-citazzjoni attrici dwar xoghol ta' *designs/artwork u spejjez inkorsi* dawn gew debitament imhallsa mill-konvenut, kif gja` ampjament pruvat u addirittura ammess mill-istess socjeta' attrici skond il-fatturi esebiti u fuq dan il-bazi, u fil-fatt l-unika bazi tal-azzjoni attrici kif formulata, t-talba attrici ma tistax tigi milqugha *stante* l-pagament effettiv *da parte* tal-istess konvenut.

Illi dwar l-allegata *consultancy fee* jew *retainer fee* bir-rata ta' Lm100 fix-xahar, anke jekk ghall-grazzja tal-argument jigi koncess li din tifforma l-mertu tac-citazzjoni attrici kif formulata, (li fl-opinjoni deciza tal-Qorti dan ma huwiex il-kaz, anke ghaliex fl-istess citazzjoni ma hemm ebda riferenza la ghall-*consultancy fee* u lanqas ghall-*monthly retainer fee),* certament li prova ta' dan l-allegat ftehim ma saritx mis-socjeta' attrici, u dan apparti li dan huwa kkontestat b'mod mill-iktar deciz mix-xhieda prodotta mill-konvenut. Anzi din il-Qorti thoss li kull element ta' prova dwar din l-allegazzjoni attrici dwar dan il-ftehim hija kompletament mankanti fil-process ta' din il-kawza, u certament ma jistax jinghad li l-istess socjeta' ssodisfat l-oneru ta' prova li kien jinkombi lilha f'din il-kawza.

Illi f'dan il-kuntest l-istess Qorti hija konfortata mill-fatt li jidher li l-ammont ghal din il-konsultazzjoni hareg biss

b'kont tal-31 ta' Jannar 1997 esebit kif inghad bhala Dok. "PF - 1" a fol. 16 tal-process, li inhareg biss fl-ahhar tar-relazzjoni bejn il-partijiet u qatt ma ntalab u ghall-anqas qatt ma gie esebit talba ghall-pagament kull xahar; kienu minflok jinhargu fatturi ghax-xoghol li effettivament sar mis-socjeta' attrici li kienu debitament imhallsa mill-konvenut.

Illi bla pregudizzju ghal dak premess jinghad li jirrizulta li kien hemm diskussjonijiet dwar tali *retainer fee* izda dan qatt ma mmaterjalizza fi ftehim, kemm ghaliex l-istess socjeta' attrici harget u talbet pagamenti ghax-xoghol li effettivament ghamlet matul l-istess perjodu kollu tar-relazzjoni taghha mal-konvenut, u dan permezz ta' fatturi li nhargu perjodikament minnha, w kemm ghaliex ma baqghux isiru laqghat ghall-*marketing strategy,* u jidher car li ghax-xoghol li ghamlet l-istess socjeta' attrici talbet pagamenti u thallset mill-istess konvenut, liema pagamenti u kontijiet kienu naturlament ikopru x-xoghol ta' *designs/artwork,* spejjez inkorsi u konsultazzjoni fuq l-istess xoghol, tant li kien biss fl-ahhar u fit-tmiem tar-relazzjoni bejn il-partijiet li hareg f'daqqa kont fuq *consultancy fee,* li ma hijiex inkluza fil-premessi tac-citazzjoni attrici.

Illi fil-fatt mill-provi prodotti jirrizulta wkoll li *oltre* ghax-xoghol maghmul u li l-pagament tieghu gie mitlub mis-socjeta' attrici lill-konvenut u mhallas mill-konvenut, l-istess socjeta' attrici ma ghamlet l-ebda xoghol iehor u l-*fee* li s-socjeta' attrici qed tippretendi li ghandha tithallas *oltre* l-pagamenti gja` maghmula jirreferu ghall-istess xoghol ta' *designs/artwork* li gja jinsab imhallas skond il-kontijiet mahruga mill-istess socjeta' attrici medesima, u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut, **tichad it-talbiet attrici** bhala li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta' attrici.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**7 ta' Jannar 2003**

**Mario Debono**
**Deputat Registratur**
**7 ta' Jannar 2003**